MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 178/2008

Kawza fil-lista: 47

**A B C D**
**vs**
**E F G assenti minn Malta**
**u rapprezentata mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Martin Fenech**
**u l-Prokuratur Cgali Mario Mifsud Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u sebgha (07.10.2007), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghaliha li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-istess zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-istess zwieg huwa null billi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-artikolu 19(1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-attur jaf b' dawn il-fatti personalment;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attur qieghed jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi z-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-partijiet fis-sebgha ta' Ottubru, tas-sena elfejn u sebgha (07.10.2007), huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-artikolu 19(1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa hija ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, illum assenti, li biha rrispondiet illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dana peress illi ma jezistux ragunijiet skond il-ligi li jintitolawh li jiehu l-annullament taz-zwieg taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti fis-7 ta' Ottubru 2007 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] u tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li z-zwieg huwa validu.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett is-segwenti. Fis-7 ta' Ottubru 2007 l-attur, cittadin taljan jghix Malta, izzewweg lill-konvenuta, cittadina marokkina, wara li sar jafha tramite l-internet f' Mejju 2007. Fl-istess xahar huwa, fuq insistenza tal-konvenuta, kien tela' l-Marokk, flimkien mal-familja tieghu, biex jiltaqa' maghha u mal-familjari taghha. Sussegwentement regghu telghu l-Marokk f' Awissu 2007 fejn il-partijiet tgharrsu, u wara, il-partijiet nizlu Malta.

L-attur jispjega li l-konvenuta, kemm meta kienet gharusa, kif ukoll wara z-zwieg, ma kienitx tkun trid li jorqdu fl-istess kamra. Huwa jghid li mill-bidu nett taz-zwieg kienet titlobu sommom kbar ta' flus u jekk ma jaghtihiex kienet taghmel xenata. Hija kienet tonfoq hafna fuq il-kapricci taghha. Gurnata minnhom kienet hallitlu envelopp indirizzat lilu, b' notament fuqu li sussegwentement il-konvenuta fissritlu li kien intiz li biex ikollu x' jaqsam maghha kellu jpoggi l-flus fl-envelopp, ossia kellu jhallasha.

Wara disgwid kontinwu, u nuqqas kbir ta' relazzjonijiet intimi, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali fl-4 ta' Dicembru 2007 wara konvivenza matrimonjali qasira u turboCnti ta' xaharejn. L-attur jghid li jumejn wara, huwa sab id-dar pilloli kontracettivi li kienu fil-pussess ta' martu ad insaputa tieghu.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess tal-fatti li ma gewx kontrastati mill-konvenuta, jirrizulta car li din qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix il-hajja konjugali ma' l-attur. Il-komportament taghha mill-bidu nett taz-zwieg huwa evidenza tal-fatt li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, il-konvenuta eskludiet, b' att pozittiv tal-volonta' taghha, l-obbligi essenzjali ghall-hajja mizzewwga naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta Cjn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Il-provi juru li, ghalkemm l-attur izzewweg lill-konvenuta bl-iskop li jibni familja, dina minn naha taghha ma kellha ebda ntenzjoni li tonera l-obbligi matrimonjali taghha, u zzewwget biss ghall-iskopijiet materjalistici u egojistici taghha, u xejn aktar.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, liema caput nullitatis jikkonfigura biss fil-konfront tal-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Ottubru 2007.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------